# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF). ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 12/2023 BS**

**NPP**

**-vs-**

**FG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat kogunt tal-partijiet illi ppremettew:**

Illi l-esponenti zzewwgu lil xulxin fis- sitta (6) ta' Gunju 2016 (Vide certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat 30 ta' Marzu 2021 (Dokument B);

Illi l-partijiet qatt ma regghew irrikonciljaw u r-rikorrenti ma jaraw l-ebda prospett ragjonevoli li dan isir;

Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

Illi l-esponenti jridu li dan iz-zwieg jigi mahlul permezz ta' divorzju li jigi pronunzjat minn din l-Onorabbili Qorti;

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tiddikjara li z-zwieg ta' bejniethom huwa mahlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat konġuntiv tal-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mar-rikors ġuramentat.

Fliet il-kuntratt ta' separazzjoni.

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti.

Rat ukoll li mill-atti jirriżulta ben ċar illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

**Deċide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet f'partijiet ugwali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur